MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 346/2005

**Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u *in rappresentanza* tas-socjeta' estera *The Gates Corporation***

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u PL Liliana Buhagiar gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 Baghdad Majli Nador (Morocco)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata fil-15 ta' April, 2005, mill-attur *nomine* li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici *The Gates Corporation*, ta' *1551 Wewatta Street, 80202 Denver, Colorado,* tal-*Istati Uniti*

tal-*Amerika* hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju *“GATES*” kif ukoll ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn *‘GATES’*, liema markju u disinn huma wzati mis-socjeta’ attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal cineg tal-magni tal-karozzi u vetturi ohra, u prodotti ohra li ghandhom x’jaqsmu ma’ vetturi u ingenji industrijali, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti *“A”*, *“B”*, *“C”* u *“D”*;

Is-socjeta’ attrici hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markju u disinn *“GATES”* minhabba l-fatt illi s-socjeta’ attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku *“GATES”* u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll minhabba l-fatt illi l-markju *“GATES”* huwa wkoll irregistrat bhala *Trademark* Komunitarja mal-*‘Office for Harmonization in the Internal Market’* tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’*Alicante, Spanja*) taht Numru 001764141 (kif muri f’Dok. *“A”*), Numru 001782705 (kif muri f’Dok. *“B”*), Numru 002611085 (kif muri f’Dok. *“C”*), u Numru 002625200 (kif muri f’Dok. *“D”*);

Jirrizulta illi fit-3 ta’ Marzu, 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur *MV “MONTE CERVANTES”*, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ *‘Synchronous Belts’* li jgibu l-markju u d-disinn *‘GATES’* fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’sebat elef, sitt mija u hamsin (7650) bicca, b’*Container* Numru *GESU4445745* u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Mill-Polza ta’ Kargu Numru *CHN351816* jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti *‘Synchronous Belts’ in kwistjoni* huma ndikati bhala *XXX9999 Baghdad Majli Nador (Morocco)*, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma *CHN9972 Sino Option Ltd*;

Id-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen

hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artikolu 4 ta’ l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Dawn is-*‘Synchronous Belts’ in kwistjoni* jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-Kap. 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju, 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta’ estera *Gates Europe NV* ghas-socjeta’ attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. *“E”*);

Din il-konsenja ta’ *‘Synchronous Belts’* bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. *“H”*);

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-*‘Synchronous Belts’ in kwistjoni* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ *‘Synchronous Belts’* li tikkonsisti f’sebat elef, sitt mija u

hamsin (7650) bicca *da parti* tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici *in kwantu* li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414, u dan fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha *"GATES"*;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' *'Synchronous Belts'* tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju, 2003, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 001764141 (kif muri f'Dok. *"A"*), Numru 001782705 (kif muri f'Dok. *"B"*), Numru 002611085 (kif muri f'Dok. *"C"*), u Numru 002625200 (kif muri f'Dok. *"D"*) registrati f'isem is-socjeta' attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru, 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq id-disin jew xoghol artistiku taghha *"GATES"*;

4. Tordna lill-kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' attrici *a bazi* tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu s-*'Synchronous Belts' in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju, 2003, fil-konfront tas-socjeta' attrici;

6. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-

*‘Synchronous Belts’ in kwistjoni*, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ Mejju, 2005, li *in forza* tieghu inhatru l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi sabiex jirrappresentaw lill-kumpanija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha eccepew illi m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala provi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rappresentant tas-socjeta’ *The Gates Corporation* ta’ *Colorado,* l-*Istati Uniti*, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marka taghhom gewwa Malta. Kienu gew avzati li ser tidhol Malta konsenja ta’ *Synchronous Belts* mic-Cina abbord il-vapur *MV “MONTE CERVANTES”* gewwa *container* numru *GESU4445745,* u f’isem il-kumpanija attrici l-attur kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtih kampjuni biex jibghathom lill-*Brand Manager* ta’ *The Gates Corporation* gewwa l-*Istati Uniti* biex janalizzhom u jara jekk humiex foloz jew genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u

din fit-fatt giet mizmuma l-*customs bond* tad-Dwana. Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn George Agius li huwa *inspector Customs Enforcement Unit* li semma li fis-7 ta' Marzu, 2005, il-*container* imsemmi kien gie maghzul ghal kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ittiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti ma sarux. Fid-dokument esebit *a fol.* 22 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' *Peter Verdonckt*, *General Sales Manager*, li fiha jinghad *"I confirm that the sample (package and belt) bearing the GATES trademarks I examined was not produced by, or with the permission of The Gates Corporation or any of its affiliates or licenses, and is therefore counterfeit"*; fl-istess stqarrija jispjega ukoll kif u ghalhiex kien jirrizultalu li l-konsenja kienet ta' prodotti foloz.

It-talba attrici m'hi b'ebda mod kontradetta.

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

a. il-kumpanija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jikser il-jeddijiet tal-kumpanija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita’ tal-imsemmija hwejjeg tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b’hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpannija attrici kellha ragun temmen li s-*Synchronous Belts* ddahhlu f’Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f’pajjiz iehor barra minn *Malta*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ l-ewwel erba’ talbiet attrici kif dedotti, b’dan li ghal fini tar-raba’ talba tipprefiggi terminu ta’ hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi s-Synchronous Belts *in kwistjoni*; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba peress li fil-fatt, l-attur *nomine* m’ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward; tilqa’ wkoll is-sitt talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------